32004R0673

14.4.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 105/17

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 673/2004

## tat-13 ta' April 2004

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2220/85 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju ta' l-1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]) u in partikolari l-Artikoli 5, 6(2), 7(3), 8(5), 9(2), 13, 16(2), 17(2) u 21 tiegħu, u d-disposizzjonijiet korrispondenti ta' regolamenti oħrajn dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq, kif ukoll id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti li, meta applikati fil-prattika, jinħtieġu garanzija,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1782/2003 tad-29 Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett skond il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 145 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1051/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 dwar il-Għajnuna għall-Prodotti tal-Qoton ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jwaqqaf sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuħ ta' raba' maħrut ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2202/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi s-sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuħ tar-raba' ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunisdrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerta merkanzija riżultanti mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli ([6]), u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.92, pġ. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar mir-Regolament (KE) Nru 1104/2003 (ĠU L 158, tas-27.6.3, pġ. 1).Regolamenti (KEE) Nru 1766/92 huwa mhassar bir-Regolament (KEE) Nru 1784/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.2003, pġ. 78) b'effett mid-data ta' l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament (ta' l-1.7.2004).
([2]) ĠU L 270, tal-21.10.3, pġ. 1. Ir-Regolament kif emendat l-ahhar mir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, 9.1.4, pġ. 8).
([3]) ĠU L 148, ta' l-1.6.1, pġ. 3.
([4]) ĠU L 160, tas-26.6.99, pġ. 1. Ir-Regolament kif emendat l-ahhar mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.3, pġ. 1).
([5]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, pġ. 49. Regulation kif emendat l-aħhar mir-Regolament (KE) Nru 1933/2001 (ĠU L 262, tat-2.10.2001, pġ. 6).
([6]) ĠU L 318, ta' l-20.12.93, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar mir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.00, p. 5).

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([7]) jistabbilixxi l-iskop ta' dak ir-Regolament billi jelenka r-Regolamenti li jiddisponu dwar il-garanziji li japplika għalihom. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 670/2003 tat-8 ta' April 2003 jiddisponi miżuri speċifiċi dwar is-suq ta' l-alkohol etiliku ta' oriġini agrikola ([8]) u jipprovdi għal garanzija fil-materja tal-liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni. Għaldaqstant għandu jkun speċifikat li d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti (KEE) Nru 2220/85 għandhom jgħoddu wkoll għar-Regolament (KEE) Nru 670/2003.

(2) Ċerti regolamenti li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2202/96 u (KEE) Nru 1782/2003 jistgħu jipprovdu għal garanziji. Għaldaqstant għandu jkun speċifikat li d-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 jgħoddu wkoll għar-Regolamenti (KEE) Nru 2202/96 u (KEE) Nru 1782/2003.

(3) Uħud mir-Regolamenti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolamenti (KEE) Nru 2220/85 ġew mħassrin. Għall-finijiet ta' kjarezza, l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 għandu għaldaqstant ikun aġġornat, billi fejn meħtieġ jiġu sostitwiti r-riferimenti għar-regolamenti mħassrin b'riferiment għas-sostituzzjonijiet.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 2220/85 għandu jiġi emendat f'dan is-sens.

(5) Il-miżuri meħudin b'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitati ta' Ġestjoni kollha interessati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jiddisponi regoli li jirregolaw il-garanziji li għandhom jingħataw, jew taħt dawn ir-regolamenti jew taħt kwalunkwe regolament ieħor ta' implimentazzjoni, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm regoli oħrajn stabbiliti b'dawn l-istess Regolamenti:

([7]) ĠU L 205, tat-3.8.85, pġ. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħhar mir-Regolament (KE) Nru 1932/1999 (ĠU L 240, ta' l-10.9.99, pġ. 11).
([8]) ĠU L 97, tal-15.4.3, pġ. 6.

(a) Ir-Regolamenti li jiddisponu dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' ċerti prodotti agrikoli:

— Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE (żjut u xaħmijiet) (*1),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 (żrieragħ) (*2),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 (laħam tal-majjal) (*3),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 (bajd) (*4),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 (laħam tat-tjur) (*5),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 (ċereali) (*6),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 (tabakk mhux maħdum) (*7),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3072/95 (ross) (*8),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 603/95 (għalf niexef) (*9),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2200/96 (frott u ħaxix) (*10),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2201/96 (prodotti proċessati tal-frott u l-ħaxix) (*11),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1254/1999 (ċanga u vitella) (*12),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1255/1999 (ħalib u lattiċibi) (*13),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1493/1999 (inbid) (*14),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 104/2000 (sajd u prodotti ta' l-akkwakultura) (*15),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1673/2000 (kittien u qanneb) (*16),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru1260/2001(zokkor) (*17),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2529/2001 (laħam tan-nagħġa u tal-mogħża) (*18),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 670/2003 (alkol etiliku ta' oriġini agrikola) (*19);

(b) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1782/2003 (skemi ta' appoġġ dirett) (*20);

(ċ) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru1051/2001 (skema għall-għajnuna għall-qoton) (*21);

(d) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1251/1999 (sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuħ ta' raba') (*22);

(e) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2202/96 (skema ta' għajnuna għall-produtturi ta' ċertu frott taċ-ċitru) (*23);

(f) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3448/93 (arranġamenti għas-snajja' applikabbli għal ċerti prodotti riżultanti mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli)( (*24) ).

(*1) ĠU C 172, tat-30.9.1966, pġ. 3025/66.
(*2) ĠU L 246, tal-5.11.71, pġ. 1.
(*3) ĠU L 282, ta' l-1.11.75, pġ. 1.
(*4) ĠU L 282, ta' l-1.11.75, pġ. 49.
(*5) ĠU L 282, ta' l-1.11.75, pġ. 77.
(*6) ĠU L 181, ta' l-1.7.92, pġ. 21.
(*7) ĠU L 215, tat-30.7.92, pġ. 70.
(*8) ĠU L 329, tat-30.12.95, pġ. 18.
(*9) ĠU L 63, tal-21.3.95, pġ. 1.
(*10) ĠU L 297, tal-21.11.96, pġ. 1.
(*11) ĠU L 297, tal-21.11.96, pġ. 1.
(*12) ĠU L 160, tas-26.6.99, pġ. 21.
(*13) ĠU L 160, tas-26.6.99, pġ. 48.
(*14) ĠU L 179, ta' l-14.7.99, pġ. 1.
(*15) ĠU L 17, tal-21.1.00, pġ. 22.
(*16) ĠU L 193, tad-29.7.2000, pġ. 16.
(*17) ĠU L 178, tat-30.6.1, pġ. 1.
(*18) ĠU L 341, tat-22.12.1, pġ. 3.
(*19) ĠU L 97, tal-15.4.3, pġ. 6.
(*20) ĠU L 270, tal-21.10.3, pġ. 1.
(*21) ĠU L 148, ta' l-1.6.1, pġ. 3.
(*22) ĠU L 160, tas-26.6.99, p. 1.
(*23) ĠU L 297, tal-21.11.96, p. 49.
(*24) ĠU L 318, ta' l-20.12.93, p. 18."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*